**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**It-23 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 20 t'Ottubru 2014 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillieri dwar il-ħidma tagħhom minn April sa Settembru 2014**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
5. **Finanzi**
6. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-23 Laqgħa tas-seba’ leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 20 t’Ottubru 2014 fil-5:30 ta’ filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tas-7:30 ta’ filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

Wara li ntqalet it-talba, fuq proponiment tal-Kunsillier Daniel Farrugia, saret talba ta’ fejqan għall-Membru Parlamentari Beppe Fenech Adami kif ukoll għas-Sindku tal-Imqabba Nicky Briffa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tat-22 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur George Azzopardi, *Events Coordinator* fl-uffiċċju tal-President ta' Malta, bit-titlu ***The President's Bike Ride.***

2.2 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Carmel Abela, Direttur għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ftehim Kollettiv tal-Impjegati tal-Kunsilli Lokali 2012-2016.**

2.3 Inqrat Memo 25/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 25/2014 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015.**

2.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Bring-In Sites.***

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Malta Cultural Institute October Concert*** **– Il-Ħadd 12 t'Ottubru 2014.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Performance Indicators Pilot Project – To develop 3 Performance Indicators.***

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***UPDATE Circular – Diploma (MQF Level 5) in Public Management and Governance at Local Level.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Accumulation of Vacation Leave from 2014 to 2015 and records for your personal file.***

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Accumulation of Vacation Leave from 2014 to 2015.***

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Investment Registration Scheme 2014 Brochure.***

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Promoting of Live Streaming Meetings.***

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Live Streaming Certification.***

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Matthew Degiorgio għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Qrendi Outstanding Payments.***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Last Invitation for Pre-Budget Public Consultation Meetings.***

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marica Axiaq għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***LC – Mircosoft Office 2007/2013.***

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LGA Circ. 55/2014 – Expert on crime prevention and management to visit Malta in October.***

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LGS Circ. 56/2014 – Malta 5D – Invitation.***

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 58/2014 – Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex, is-Sibt 18 t'Ottubru 2014 fil-Lukanda Dolmen Resort, Il-Qawra.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LGA Circ. 59/2014 – Diversity Advantage Challenge.***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk. 60/2014 – Suppliment fit-*Times of Malta.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 63/2014 – Laqgħa Plenarja fis-17 u 18 t'Ottubru 2014 fil-Lukanda Dolmen Resort, Il-Qawra – Minuti.**

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 64/2014 – Laqgħa Plenarja – 17 u 18 t'Ottubru 2014 – Programm.**

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 65/2014 – *HSBC Water Programme – Catch the Drop Campaign.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu ***Valletta 2018 – Consultation Meeting.***

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **CCTV – Infurzar Lokali.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Rotta tal-Gwardjani filgħaxijiet.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu **Rovigo Festival – M421.**

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M413.A1B – The setting up of a Tourist Hub.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk,

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

bit-titlu ***M125 Meeting Updates.***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Saviour Ellul minn Transport Malta, bit-titlu ***Unauthorised Works at Qrendi.***

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Cheryl Ann Palmer minn Transport Malta, bit-titlu ***eForms Application from 1st October.***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Thomas Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of Fiera in Qrendi.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Thomas Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of the Processions of Our Lady of the Rosary in Żurrieq, Kirkop, Mqabba, Qrendi and Safi.***

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Thomas Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of filming in Qrendi.***

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel Muscat minn Transport Malta, bit-titlu ***Request for Double Yellow Lines in* Triq it-Torri, Qrendi.**

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Glen Farrugia mill-Istitut għat-Turiżmu, Vjaġġar u Kultura, bit-titlu ***Local Councils – Valletta 2018 GIS Cultural Mapping Public Consultation.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marisa Delorenzo mill-Ministeru għat-Turiżmu, bit-titlu ***Information for Advertising.***

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Grech mill-*Primary Health Care Department*, bit-titlu ***Seasonal Influenza Vaccine Campaign.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorothy Scicluna mill-*Primary Health Care Department,* bit-titlu ***Health Talks Organised by the Primary Health Care Department.***

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Clayton Cutajar, *Project Coordinator – EU Agenda for Adult Learning in Malta*, bit-titlu ***Final Conference: Malta EU***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***Agenda for Adult Learning 2012-2014.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Anton Falzon, *Regional Community Worker – Policy Development and EU Affairs*, bit-titlu ***Leap Project meeting and outreach.***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Denise M Farrugia, *Regional Development Agent – Leap Project*, bit-titlu ***Elderly Briefing Programme.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Alexander Cutajar, *Communications Coordinator* fis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva, bit-titlu ***Free Opera Tickets for the Elderly.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Alexander Cutajar, *Communications Coordinator* fis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva, bit-titlu **Skema Neħduk Għawdex.**

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Lino Vassallo, *Manager Jobs+,* bit-titlu **Użu ta' Kompjuters mill-Pubbliku.**

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Victor Cini mill-Enemalta, bit-titlu ***New Lamps at Qrendi Local Council area.***

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Surġent Sonia Anne Parascandolo mill-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu **Referenza rigward ħajt perikoluż fi Triq Sant'Anna, Qrendi.**

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Surġent Sonia Anne Parascandolo mill-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu **Referenza rigward struttura perikoluża fi Triq is-Sur, Qrendi.**

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mil-*Labour Market Statistics – NSO*, bit-titlu ***Job Vacancies Survey 2014 – Quarter 3 – Ref: 56841.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Saviour Camilleri, *Liaison Officer* fil-*Water Services Corporation*, bit-titlu ***Tenders and proposed works by the councils.***

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Rene Savona Ventura, *Operations Manager tal-IPSL*, bit-titlu **Ilbies Protettiv.**

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorothy Licari, Segretarja tal-Kumitat Olimpiku Malti, bit-titlu ***Maltese Olympic Committee Sports Awards 2014.***

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jurgen Grima mill-*Management Efficiency Unit*, bit-titlu ***Live Development of servizzi.gov.mt Updates.***

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mariella Micallef bit-titlu ***Victim Support Malta, Youth – Training.***

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn *The Malta Social Media Awards Team*, bit-titlu ***The Malta Social Media Awards 2014 – Submissions are open!***

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Gabriel Cassar mill-Grupp Żgħażagħ Kirkop, bit-titlu **Mill-Pjazza għall-Providenza – Grupp Żgħażagħ Kirkop.**

2.56.1 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ikkonfermat li tixtieq tieħu sehem f'din l-attivita' wara li aktar kmieni kien hemm konferma li se jieħdu sehem is-Sindku David Schembri, l-Viċi Sindku Charles Zerafa u s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon.

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorianne Formosa bit-titlu ***Culture Fest – Sunday 19th October.***

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lorraine Zarb minn *F Living*, bit-titlu ***F Living Channel*** **– Stedina lis-Sindku.**

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Kappillan tal-Qrendi Fr. Glen Buhagiar bit-titlu **Ref: Bankina ħdejn iċ-Ċentru u Bullards ħdejn il-Kappella ta' Sant'Anna.**

2.59.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali diġa' rranġa l-bollards imkissrin li kien hemm maġenb il-Knisja Parrokjali, fi Triq il-Kurat Mizzi.

2.59.2 Żied li kif qal il-Kappillan fil-korrispondenza tiegħu, l-Kunsill Lokali qiegħed jieħu ħsieb li jiġu rrestawrati l-istatwi li għandna fil-lokalita'.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.59.3 Kompla li hu personalment jaqbel mal-ħsieb tal-Kappillan li ssir żebgħa mar-rampa taċ-Ċentru minħabba li hija xi ftit perikoluża u ppropona li għandha ssir din iż-żebgħa.

2.59.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda.

2.59.5 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-bollards li hemm quddiem il-kappella ta' Sant'Anna.

2.59.6 Spjega kif din l-idea mhijiex daqstant faċli minħabba li l-bollards saru bħala ornament u mhux biex ma jitilgħux karozzi fuq iz-zuntier tal-kappella.

2.59.7 Qal li bħala Kunsill Lokali se nkunu qegħdin nitkellmu mal-Perit tal-Kunsill fuq dan il-każ.

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antoine Fenech bit-titlu ***Double Yellow Lines in Nazzareno Sammut Street.***

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Sergio Grech, Assistent Kap tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, bit-titlu **Ġnien tal-Kmand.**

2.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Mifsud, Kaxxiera tas-Soċjeta' Mużikali Lourdes, bit-titlu **Flus Bar Festival Agrarju tal-Patata.**

2.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Crydam Cutcal bit-titlu **Klieb.**

## 3. RAPPORT TA' ĦIDMA MILL-KUNSILLIERI DWAR IL-ĦIDMA TAGĦHOM MINN APRIL SA SETTEMBRU 2014

3.1 Is-Sindku David Schembri u l-Viċi Sindku Charles Zerafa ppreżentaw ir-rapport tagħhom ta' ħidma għall-perjodu bejn April u Settembru 2014.

3.2 Min-naħa l-oħra, l-Kunsillieri Daniel Farrugia, Daniela Farrugia u Olympia

Sant Mifsud ma ppreżentawx ir-rapport tagħhom.

3.3 L-Ambaxxatur tal-Kunsill Lokali Justin Debattista ukoll ma ppreżentax ir-rapport ta' ħidma tiegħu għal dan il-perjodu.

3.4 Il-Kunsillieri flimkien mal-Ambaxxatur qalu li se jkunu qegħdin jippreżentaw dan ir-rapport sal-ġimgħa ta' wara.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Fondazzjoni Din l-Art Ħelwa ħadu ħafna gost li l-Kunsill Lokali ħa ħsieb li jnaddaf iż-żona ta' wara l-kappella tal-Madonna tal-Ħniena.

4.1.1 Qal li l-Kunsill Lokali sab ukoll benefattur li jixtieq jirranġa l-fanal tal-istatwa tal-Madonna tal-Ħniena li tinsab quddiem il-kappella.

4.2 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 125 u qal lis-sitwazzjoni preżenti hija waħda mħawda.

4.2.1 Spjega kif ingħatajna l-impressjoni li bil-flus li se ningħataw stajna nagħmlu sqaq wieħed imma wara li ffirmajna l-kuntratt konna infurmati mill-Aġenzija għall-Pagamenti li ridna nagħmlu ż-żewġ sqaqien minħabba li l-applikazzjoni kienet tinkorpora żewġ sqaqien.

4.2.2 Żied li fl-aħħar jiem kien hemm xi żviluppi għaliex mill-GAL Xlokk xtaqu jkunu jafu kemm jirnexxielna nagħmlu miż-żewġ sqaqien bil-fondi li se ningħataw, anke jekk dan ifisser li ma nagħmlux it-tul kollu tal-isqaqien kif kien proġettat.

4.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li se nippruvaw nużaw din l-idea u jekk itġi aċċettata nagħmlu parti miż-żewġ sqaqien.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.3 Is-Sindku tkellem dwar il-proposta tar-Reġjun tan-Nofsinhar li jsiru kameras ta' sorveljanza.

4.3.1 Qal li din l-għotja tkun tfisser li rridu naraw li fejn se jkunu installati dawn il-kameras minħabba li jkun hemm bżonn is-servizz tad-dawl kif ukoll is-servizz tal-internet.

4.3.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li llum jeżistu sistemi li lanqas għandek għalfejn ikollok internet fiss.

4.3.3 Is-Sindku kompla lir-Reġjun tan-Nofsinhar irid jara jekk hux se naħdmu bħala Kunsill Lokali waħedna nkella flimkien ma' Kunsilli Lokali oħra.

4.3.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandhom isiru dawn is-*surveillance cameras.*

4.4 Is-Sindku tkellem dwar l-attivita' kulturali Passa a Tempi.

4.4.1 Qal li din l-attivita' kulturali se nkunu qegħdin ngħaqqduha mal-attivitajiet għal Jum il-Qrendi 2015.

4.4.2 Żied li jrid jinħoloq sotto-kumitat għal din l-attivita'.

4.4.3 Spjega kif il-Kunsill Lokali jrid jiddeċiedi jekk għal darb'oħra nitolbux l-għajnuna tas-Soċjetajiet Mużikali, inkella neħdux ħsieb kollox aħna bħala Kunsill.

4.4.4 Is-Sindku staqsa jekk xi ħadd mill-Kunsillieri xtaqx ikun iċ-ċerpersin ta' dan is-sotto-kumitat.

4.4.5 Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Viċi Sindku Charles Zerafa se jkun iċ-ċerpersin ta' dan is-sotto-kumitat għal din l-attivita' kulturali.

4.4.6 Il-Viċi Sindku se jkun qiegħed mgħejjun mill-Kunsillieri Olympia Sant Mifsud u Daniel Farrugia.

4.4.7 Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill Lokali jrid jaħseb fuq liema persuni se jinvolvi

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

mill-pubbliku inġenerali.

4.5 Is-Sindku tkellem dwar iż-żjara li nies mill-Qrendi għamlu f'Rovigo, l-Italja, bħala waħda mill-attivitajiet tal-GAL Xlokk.

4.5.1 Qal li bħala lokalita' konna tajjeb ħafna u kulmin tella' l-affarijiet ħareġ bl-unuri.

4.5.2 Is-Sindku kkjarifika kif saret l-għażla tal-persuni li telgħu għal din iż-żjara.

4.5.3 Qal li s-Sa. Catherine Ciappara kienet nominata minnu, s-Sur Raymond Farrugia kien nominat mill-Viċi Sindku filwaqt lis-Sinjuri Betty Mallia u Catherine Farrugia kienu nominati mingħajr ma l-Kunsill Lokali kien infurmat.

4.5.4 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li hi ma kellhiex l-intenzjoni li taħdem minn wara dahar il-Kunsill Lokali u ħasbet li setgħet tinnomina nies mingħajr ma tinforma lill-Kunsill Lokali.

4.6 Is-Sindku tkellem dwar l-ixkaffar tal-librerija pubblika u qal li fil-preżent il-Kunsill Lokali qiegħed jixtri diversi kotba sabiex ikompli jaġġorna l-librerija, permezz ta' diversi skemi.

4.6.1 Is-Sindku tkellem dwar il-programm li xxandar aktar kmieni llum fuq l-istazzjon *F Living*, programm li kien dwar il-lokalita' tal-Qrendi.

4.6.2 Qal li għal dan il-programm, il-produtturi ħadu ħafna informazzjoni minn fuq *Facebook*.

4.6.3 Is-Sindku qal ukoll li bħala lokalita' llum se nkunu qegħdin ukoll fuq Xejk TV fi programm dwar il-patrimonju tal-Qrendi.

4.7 Is-Sindku tkellem dwar numru sabiħ ta' turisti li l-bieraħ żaru l-lokalita' tagħna u fl-aħħar ħallew €30 donazzjoni li se jmorru b'riżq id-Dar tal-Providenza.

4.8 Is-Sindku tkellem dwar film li nġibed fl-aħħar jiem fil-lokalita' tagħna.

4.8.1 Qal li l-produtturi tal-film sabu koperazzjoni kbira mir-residenti u kienu sodisfatti ħafna.

4.9 Is-Sindku tkellem dwar il-ktieb li se jkun ippublikat dwar il-Qrendi bħala parti minn Miżura 313.

4.9.1 Qal li wasalna fl-aħħar fażi ta' dan il-ktieb u għada ħierġa wkoll is-sejħa għall-kwotazzjonijiet.

4.9.2 Spjega kif dan il-ktieb irid ikun f'idejna sal-aħħar ta' Novembru 2014 imma ppropona li dan il-ktieb għandu jiġi mnhiedi fl-attivitajiet ta' Jum il-Qrendi 2015.

4.9.3 Żied li l-Professur George Cassar, li ħa ħsieb il-kitba ta' dan il-ktieb, għamel biċċa xogħol kbira ħafna lir-riżultat tagħha dalwaqt ikun f'idejna.

4.10 Is-Sindku tkellem dwar id-DVD li qiegħed jinħadem bħala parti minn Miżura 313.

4.10.1 Qal li bħalma hu l-ktieb, dan id-DVD jinsab fl-aħħar fażijiet tiegħu u bħalissa qiegħed isir l-editjar tal-*footage* li nġibed.

4.11 Is-Sindku tkellem dwar il-kors tal-parċmina u qal li ddispjaċieh li dan il-kors ma sarx bħala wieħed mill-korsijiet tal-*Lifelong Learning*.

4.11.1 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li dawk li qegħdin jattendu għal dan il-kors ma xtaqux li jagħmluh taħt il-*Lifelong Learning* għax riedu lill-għalliema li kellhom qabel.

4.11.2 Is-Sindku wieġeb li seta' jsir taħt il-*Lifelong Learning* minħabba li kien hemm biżżejjed applikanti.

4.12 Is-Sindku tkellem dwar il-quddiesa li kienet iċċelebrata fil-Knisja Parrokjali b'radd ta' ħajr u tifkira ta' Dun Mattew Magro.

4.12.1 Qal li din il-quddiesa kienet organizzata mill-Fratellanza tas-Santissimu

Sagrament u hu ma kienx mistieden bħala Sindku tal-lokalita'.

4.12.2 Spjega li kif daħal fil-Knisja kien avviċinat sabiex jitla' fuq il-bank ta' quddiem u qal li jiddejjaq li jkun hemm min jipprova jinsinwa li hu kien mistieden waħdu mill-Kunsill Lokali meta dan ma kienx minnu.

4.13 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar ġurnata Sqallija li qed tkun organizzata mill-Kunsill Lokali għas-Sibt 1 ta' Novembru 2014.

4.13.1 Qal li din il-mawra ġiet organizzata ta' malajr imma jidher lin-nies qegħdin jikonkorru bi ħġarhom.

4.13.2 Żied li din il-ġurnata qiegħda tkun organizzata flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba.

4.13.3 Il-Viċi Sindku spjega wkoll kif se jkun imqassam il-programm ta' din il-ġurnata bil-għajnuna ta' Joe Micallef Travel.

4.14 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar *buffet breakfast* bit-tombla li hemm ħsieb li jkun organizzat matul ix-xahar ta' Novembru.

4.14.1 Qal li hu qiegħed jipproponi li dan jiġi organizzat l-Erbgħa 26 ta' Novembru 2014 f'lukanda ewlenija fil-Qawra.

4.14.2 Żied li fil-preżent qiegħed jitkellem ma' żewġ lukandi partikolari sabiex tittieħed deċiżjoni f'liema waħda se mmorru.

4.15 Is-Sindku tkellem dwar il-possibilita' li l-Kunsill Lokali jorganizza *weekend break.*

4.15.1 Qal li huma diversi dawk il-persuni li qegħdin jitolbu lill-Kunsill Lokali sabiex jorganizza xi ħaġa simili.

4.15.2 Żied li l-ideali tkun jekk dan il-*weekend break* ikun organizzat matul ix-xahar ta' Frar 2015.

4.16 Is-Sindku tkellem dwar żjara oħra fil-gżira Għawdxija matul din is-sena.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.16.1 Qal li tkun xi ħaġa sabiħa jekk nerġgħu norganizzaw ġurnata oħra fl-aħħar Sibt ta' Diċembru, li apparti li nżuru Betlehem f'Għajnsielem tkun simili għall-aħħar ħarġa Għawdex ta' Settembru.

4.17 Il-Viċi Sindku tkellem dwar l-attivita' tal-Milied li kienet organizzata s-sena li għaddiet mill-Kunsill Lokali sabiex naraw jekk nerġgħux nagħmlu attivita' simili.

4.17.1 Is-Sindku wieġeb li tkun ideali jekk nitkellmu mal-Kappillan qabel minħabba li jidher li hemm xi ħsieb li l-Kappillan jorganizza xi attivita' fuq bażi parrokjali.

4.18 Il-Viċi Sindku staqsa jekk għandniex nerġgħu narmaw is-sistema tas-*sound* fil-qalba tar-raħal għal matul il-jiem ta' festi.

4.18.1 Se nerġgħu nġibu kwotazzjoni u nimxu minn hemmhekk.

4.19 Il-Viċi Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mas-Soċjetajiet Mużikali sabiex jingħataw il-qliegħ li sar mill-bar fil-Festival Agrarju tal-Patata 2014.

4.20 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar il-kwestjonarju li ser jitqassam fid-djar tal-Qrendi fil-ġimgħat li ġejjin.

4.21 Il-Kunsillier Daniela Farrugia tkellmet dwar il-proġett ta' €6 miljuni f'żoni rurali mnhiedi mill-Gvern Ċentrali u staqsiet jekk il-lokalita' tal-Qrendi hijiex se tkun inkluża.

4.21.1 Il-Viċi Sindku wieġeb li l-Qrendi huwa inkluż minħabba li ser issir parti minn Triq il-Panorama sabiex din it-triq tkun kollha bit-tarmak.

4.22 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar il-kollezzjoni tal-iskart.

4.22.1 Qal li tkellem mal-kollettur dwar is-sitwazzjoni preżenti u qiegħed jara li din tiġi rranġata.

4.22.2 Is-Sindku wieġeb li l-ilmenti dwar il-kollezzjoni tal-iskart qegħdin jaslu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

f'numri notevoli fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u qegħdin naraw kif nistgħu nirrisolvu din is-sitwazzjoni bl-aħjar mod possibli għal kulħadd.

4.23 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq żewġ kwotazzjonijiet quddiem il-Kunsill Lokali dwar *manhole covers* tat-toqob tal-arbli tal-festi.

4.23.1 Il-kwotazzjonijiet kienu mingħand is-Sur Anton Zarb u mingħand Andrew Vassallo General Trading Limited.

4.23.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li tintgħażel il-kwotazzjoni ta' Andrew Vassallo General Trading Limited bħala l-irħas waħda.

## 5. <u>FINANZI</u>

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €45,699.66c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 10/14 u €30.65c skont il-*Petty Cash* Ref R/09.

5.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

5.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 6. <u>AĠĠORNAMENT</u>

6.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru 2014 fil-5:30pm.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

______________________ ______________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**